Kunsill Lokali Ħal Balzan

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

**Data tal-laqgħa: 26 ta' April 2022**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' wara nofs nhar.

**PREŻENTI:**

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

**ASSENTI:**

Ma kien hemm ebda membru assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

45.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Id-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 44. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 45.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

45.3.1 <u>Statwa Santa Marija</u>

Is- Sindku qal li kif infurma fl -aħħar laqgħa tal-Kunsill il-kuntratt mad- Direttorat għar-Restawr kien ġie ffirmat u peress li wara l-elezzjoni kien inbidel il-Ministru responsabbli sa issa il-Kunsill ma rċieva ebda risposta ta' meta ser jibdew ix-xogħolijiet u ser jibgħat reminder lid-Direttorat.

45.3.2 **<u>Skema Tisbiħ u Manutenzjoni Playingfields</u>**

Is- Sindku qal li kif jaf kulħadd saru xi xogħolijiet ta manutenzjoni u tisbiħ fuq il-playingfield fosthom it-tibjid u tiswijiet fil-public convenience u fil-ġranet li ġejjin ser jinħarġu kwotazzjonijiet għal installazzjoni ta' apparat ġdid fil-playingfield.

45.3.2.1 Is- Sindku qal li f'waħda mill-laqgħat tar- Reġjun Tramuntana ġie mitlub biex il-Kunsill jindika post għal nstalllazjoni ta' CCTV camera u għaldaqstant ir- reġjun ġie infurmat biex din il-camera tiġi installata fil-ġnien ta' l-istess playingfield.

45.3.2.2 Is- Sindku kien tal-fehma li fl-istess playingfield għandu jizdied aktar dawl u ser jinġiebu xi kwotazzjonijiet wara qbil bejn il- Kunsilliera.

45.3.3 Is- Sindku fakkar li fl-aħħar laqgħa kienet ġiet diskussa l-possibilta' li flmkien ma' l-Ambaxxiata Spagnola ikun hemm kooperazjoni fuq diversi suġġetti ta' interess li jista' jkun hemm bejn iz-zewġ partijiet u f'dan ir-rigward qed jitħejja dossier fuq il-lokalita' ta' Ħal Balzan.

45.3.4 Is- Sindku staqsa lid- DSE jekk is-sejħa tat-tabelli u sinjali waslitx biex tinħareġ. Id- DSE wieġeb li għalissa din is-sejħa qeda *on hold* għar-raġuni li l-ordjiniet li saru ta' tabelli u sinjali tlestew u ġew mwaħħla mill-kuntrattur attwali.

## 45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.4.1 Is- Sindku qal li kif kulħadd jaf qabel l-elezzjoni kien hemm kummenti negattivi fuq is-social media minħabba l-istat prekarju ta' ċertu toroq fl-istess lokalita'. Huwa qal li sa issa il-Kunsill għad ma' għandux indikazzjoni mill-Gvern Ċentrali ta' liema toroq ser isiru din is-sena. Għaldaqstant huwa kien tal-fehma li tinbgħat ittra lil Ministru konċernat li fiha jiġu elenkati it-toroq li fil-fehma tal-Kunsill għandha tingħatalhom priorita'.

45.4.2 Il-Kunsill irċieva email rigward xi korsijiet b'xejn li ser joffru il-Ministeru għal Politika Soċjali, Id-DLG u l-Għaqda tal-Home Economics fuq kif tgħix ħajja sana. Huwa jidhirlu li bħala Kunsill għandna nipparteċipaw. Il-Kunsill approva.

45.4.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-kumpanija RS2 avviċinatu biex tiġi diskussa l-possibilita' li jkun hemm inizjattiva fejn jingħata taħriġ fuq zvilupp ta' software fl-informatika. Il-Kunsill qabel u ser jkompli jesplora din il-possibilita'

45.4.4 Is- Sindku tkellem dwar it-tneħħija ta' ġebla fi Triq Il-Kbira kantuniera ma' Triq Santa Marija fejn il-Kunsill ġie nfurmat mis- Sovraintendenza tal-Kultura u Wirt Kulturali li huwa tal-fehma li din il-ġebla titneħħa għax hija ta' periklu imma trid titpoġġa x'imkien ieħor u l jkollha l-istess għan li kellha iġiefieri trid titpoġġa quddiem xi propjeta' oħra.

45.4.4.1 Il-Kunsill huwa tal-fehma li din ħa toħloq problema legali għax jekk alla hares qatt xi ħadd jaqa' minħabba din il-ġebla, permezz ta' din ir-risposta vaga tas- Sovraintendent, il-Kunsill huwa personalment responsabbli bil- konsegwenzi kollha imma fl-istess ħin jekk ma titpoggix skond l-uzu tagħha, il-Kunsill kull kif ser jkollu il-problemi. Għaldaqstant il-Kunsill jidhirlu li din hija kwistjoni legali u ser jitqabbad l-avukat tal-Kunsill biex jagħraf kif għandu jwieġeb għal ittra mibgħuta mis-Sovraintendenza.

45.4.5 Is- Sindku qal li skond wegħda elettorali tal-Gvern prezenti fejn fil-lokalitaijiet ta' Malta għandu jkun hemm aktar spazi miftuħa huwa qal li hemm xi suġġerimenti li fi Triq Il-Barriera jkun hemm spazju miftuħ kemm ghar-residenti ta' Ħal-Balzan kif ukoll għal dawk ta' Ħal Lija.

45.4.5.1 Is- Sindku kompla qal li jekk ser jiġi diskuss dan is-suġġeriment ta' Triq l-Barriera huwa xtaq jeskludi ruħu minn din id-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess. Għaldaqstant f'din il-parti mexxiet il-laqgħa il-Viċi Sindku

45.4.5.2 Ġie deċiz b'mod unanimu fuq proposta tal-Kunsillier A. Grech u ssekondata mill-Viċi Sindku li l-Kunsill ta' Ħal Balzan ser jimbotta l-proposta ta' l-izvilupp ta' l-Għalqa fi Wesgħa Profs Aquilina bħala spazju miftuħ.

45.4.6 Is- Sindku tkellem fuq ilment li ilha ftit għaddejja fuq tabella tat- triq fi Triq B. Bontadini li qeda' mwaħħla fil-parti t'isfel tat- triq u mhux kif suppost u għaldaqstant din mhix qed tidher. Il-Kunsill ser jinfuma lil mn qed jilmenta biex din it-tabella tiġi mwaħħla mal- kantuniera tal-faċċata tad-dar tiegħu.

45.4.7 Is- Sindku qal li rċieva talba minn skrivana li taħdem fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn qed titlob li tingħata promozzjoni minn SKala 13 għal Skala 11 wara ħafna snin li ilha taħdem fi Skala 13.

45.4.7.1 Id- DSE wieġeb li filwaqt li jirrikonoxxi li din l-iskrivana dejjem tat kontribut u ħidma siewja lill-Kunsill, skond il *Local Government (Human Resources) Regulations* trid tinħareġ sejħa interna u jiskatta il-proċess ta' intervisti għal dawk interessati.

45.4.7.2 Għaldaqstant il-Kunsill talab lid- DSE biex jinbeda' dan il-proċess ta' sejħa interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11.

45.4.8 Is- Sindku tkellem fuq it- talba li kienet saret biex fi Triq Idmejda kantuniera ma Triq San Valentin isir proġett ta' saħħa u sugurta fit-triq. Huwa qal li hekk kif it-tirq għadha ma saritx mill-WSC huwa kien tal-fehma li wara approvazjoni minn Transport Malta għandhom jitwaħħlu *collapsable plastic bollards* temporanjament f'dik il-kantuniera.

45.4.9 Is- Sindku ressaq ilment minn resident li joqgħod fi Triq Idmejda fejn qed jallega li minħabba t-triq l-istat kif inhi qed toħloqlu inkonvenjent peress li wara ftit xita qed jidħol l-ilma fil-garaxx tiegħu. Ser jitqabbad il-perit tal-Kunsill biex iħejji rapport fuq dak li qed jiġi allegat

## 45.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsilliera

45.5.1 Il- Kunsillier A. Grech infurma lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu ma tal- GO biex jaraw fejn ser tiġi installata kaxxa tat-telefonija u ġie individwat l-area maġenb it-taraġ li jagħti għal bandli wara l-istage tat-Trasport Pubbliku. Bħala Kunsill ser niġu ikkumpensati billi il-kumpanija ser tnaddaf il-culverts ta' madwar l-area fil-pjazza.

44.5.1.1 Is- Sindku infurma lil Kunsillier li kited aktar minn zewġ email lil Perit Pierre Cassar mill-Water Services biex jitkomplu x-xogħolijiet mill-aktar fiss possibbli. Il-Perit bgħat lill-Kuntrattur biex z-zmien ma jittawwalx aktar u jitlestew minnufih. Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li jekk din il-kwistjoni ħa ddum tkarkar huwa kien tal-fehma li jittieħdu mizuri temporanji u jitpoġġew bollards mal-kantuniera. Il-Kunsill approva.

## 45.6 Proġett Animal Welfare- Skemi Reġjun Tramuntana

45.6.1 Is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra skema maħruġa mill- Regjun Tramuntana fejn ser tingħata somma ta' € 3000 għal proġett ta' animal welfare.

45.6.2 Minn din l-iskema ġie inkarigat il-Kunsillier O De Gaetano biex jimplimenta din l-iskema.

## 45.7 Ittra lill- Ministru konċernat rigward is-sitwazzjoni ta' ċert toroq fil-lokalita'

45.7.1 Din it-tema ġiet diskussa aktar kmieni waqt din il-laqgħa

## 45.8 Proġett Tisbiħ tal-Pjazza fi Triq Qarcilla kantuniera ma' Triq San Frangisk

45.8.1 Is- Sindku qal li wara li ħareġ il-permess mill-Awtorita ta' L-Ippjanar u ma saret ebda oġġezzjoni huwa kien ta' l-opinjoni li mingħajr akter dewmien għandu jiġi nfurmat il- perit tal-Kunsill biex jibda jipprepara is- sejħa ta' ħruġ għal offerti biex isir dan il-proġett

45.8.1.1 Il-Kunsill approva

## 45.9 Kwotazzjoni Bins tas- Sigaretti- Approvazzjoni

45.9.1 Id- DSE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra zewġ kwotazzjonijiet u mhux tlieta minħabba li kumpanja minnhom ma bgħatitx il-kwotazzjoni tagħħa.

45.9.1.1 Il-Kunsill għazel u approva li jmur għal kwotazzjoni mibgħuta minn RS Supplies minħabba li huma ta' l-aħjar kwalita' peress li dawn ser jitwaħħlu fuq barra.

## 45.10 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor

45.10.1 Talba għal rifuzjoni ta' spejjez għal ammonta ta' €66 wara li l-gearbox tal-karozza tiegħu ġarbet ħsara huwa u jsuq minn Triq San Frangisk. Dokumenti kollha neċessarji ġew sottomessi.

45.10.2 Ir- Reġjun Tramuntana fix-xhur li ġejjin ser joħroġ diversi skemi li minnhom jista' jibbenefika minnhom il-Kunsill.

45.10.3 Talba minn resident li joqgħod Sqaq Nru 2, Triq it-Tlett Knejjes biex isir parking bollard fid-daħla tas-sqaq minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill ġie infurmat minn Transport Malta li dawn it-tipi ta' permessi ma joħorġux.

## 45.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

45.11.1 Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/22, li tinkludi l-ammont ta' € 62.24 bħala Petty Cash għax-xahar ta' April 2022

45.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 45.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:41pm

45.12.1 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022

IFFIRMATI

Dr. Angelo Micallef
Mayor

IFFIRMATI

Mark Mallia
Deputat Seg. Ezek.